MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 704/1999/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-25 ta Gunju, 2004.**

**Citazzjoni numru 704/99 GC**

**Link School of Languages Limited**

**vs**

**Imnaria Ventures Limited, Daniel Abela u Jospeh Abela f'isimhom propju ezercitanti l-kummerc u kif ukoll l-istess Daniel Abela u Joseph Abela ezercitanti l-kummerc taht l-istess isem tad-ditta kummercjali Imnaria Voyage Limited jew min minnhom skond il-kaz**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta attrici matul is-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) ipprestat u rendiet servizzi professjonali konsistenti fl-edukazzjoni, inkluz tat-taghlim ta’ l-ilsien Ingliz f’diversi okkazjonijiet lis-socjeta konvenuta u/jew lid-ditta kummercjali ezercitata mill-konvenuti u/jew lill-konvenuti propju, skond il-kaz, billi b’hekk tghallmu u attendew ghall-lezzjonijiet, klijenti ta’ l-istess socjeta konvenuta jew konvenuti kif intqal;

Illi tali servizzi professjonali jammontaw ghall-valur komlessiv ta’erbat elef mija u disgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,109.75) bhalma jirrizulta ampjament spjegat fl-ammess Dokument “A”, li huwa prospett tad-diversi fatturi fejn is-socjeta attrici talbet hlas;

Illi tali negozju mas-socjeta attrici kien ilu sejjer ghal xi ftit snin mis-socjeta attrici mas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited, biss u dejjem kien hemm pagament regolari ghal tali servizzi;

Illi dan l-ahhar u partikolarment, minkejja li kull negozju baqa’ jsir b’mod regolari u minghajr tibdil mas-socjeta konvenuta, tramite l-konvenut Joseph Abela, f’daqqa s-socjeta konvenuta kultant bdiet tbiddel il-kartolerja u tuza kartolerja bl-isem Imnaria Voyage Limited;

Illi minn indagini tas-socjeta’ attrici ma’ l-ufficju tar-“Registry of Companies” tal-Malta Financial Services Centre, irrizulta li sal-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elf disa mija u disgha u disghin, irrizulta li qatt ma kienet registrata socjeta kummercjali bl-isem Imnaria Voyage Limited;

Illi minkejja li giet debitament interpellata s-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ammont fuq imsemmi, saret offerta li taghmel pagament akkont ta’ elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) basta li s-socjeta konvenuta tirinunzja ghal kull dritt ghall-bilanc kontra l-istess socjeta

konvenuta; u dan peress illi s-socjeta konvenuta qeghda erroneament ssostni li tali bilanc ghandu jithallas mall-allegata socjeta Imnaria Voyage Limited, li allegatament ukoll tinsab registrata gewwa r-Russja, dejjem skond taghrif moghti mill-istess konvenuta;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta u Imnaria Ventures Limited u/jew Jospeh Abela u Daniel Abela fil-kwalita taghhom personali kif ukoll bhala konvenuti u kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Imnaria Voyage Limited, ighidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti m’ghandhiex tikkundannhom ihallsu lis-socjeta attrici Link School of Languages Ltd. is-somma komlessiva ta’ erbat elef mija u disgha liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm4,109.75c), prezz u valur ta’ servizzi professjonali konsistenti fl-edukazzjoni, inkluz it-taghlim ta’ l-ilsien Ingliz lill-klijenti tas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited u/jew l-konvenuti, kif fuq premess u spjegat;

Bl-imghax skond il-ligi u bl-istess spejjez gudizzjari, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1138/99 u tal-mandat ta’ qbid numru 876/99 kontra s-socjeta konvenuta u/jew il-konvenuti kif fuq premess u li gew ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi qabel xejn il-konvenuti Joseph u Daniel Abela, fl-ebda waqt ma agixxew f’isimhom proprio;

2. Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni, jekk stess huwa dovut, ma huwiex dovut mill-esponenti billi dawn ghamlu biss ix-xoghol ta’ reservation agents ghan-nom ta’ socjeta’ jew socjetajiet esteri, li huma proprjament il-legittimi kontradittturi fil-konfront tat-talba attrici;

3. Illi mill-ammont pretiz iridu fi kwalunkwe kaz jitnaqqsu elf u tmien mitt Lira Maltin li gew imhallsa lis-socjeta' attrici fil-mori tal-kawza ghan-nom tal-principali esteri da parti tal-konvenuti;
Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici (fol.13) li biha t-talba giet ridotta bl-ammont ta' Lm1800 li thallsu akkont fil-mori tal-kawza u b'hekk l-ammont pretiz hu ta' Lm2309.75;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet u l-konvenut Joseph Abela;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici u n-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li matul il-1998 irrendiet servizzi professjonali, konsistenti f'servizzi edukattivi, inkluz it-taghlim ta' l-ilsien Ingliz, lill-konvenuti u dana billi klijenti tal-istess konvenuti tghallmu u attendew ghall-korsijiet u lezzjonijiet offerti mis-socjeta attrici. Dawn is-servizzi komplessivament jammontaw ghall-valur ta'erbat elef mija u disgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4109.75). Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jew minn minnhom jigu kkundannati jhallsu lilha l-imsemmija somma ta' Lm4,109.75;

Jirrizulta li dan in-negozju kien ilu zmien ghaddej bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited u jidher ukoll li l-istess socjeta konvenuta kienet thallas regolarment. Jirrizulta ukoll li fl-ahhar zminijiet l-ordnijiet bdew isiru fuq "letterheads" u ittri intestati ta' socjeta ohra cioe' Imnaria Voyage Limited, liema socjeta pero' ma tirrizultax inkorporata f'dawn il-gzejjer;

Il-konvenuti f’dawn il-proceduri huma s-socjeta Imnaria Ventures Limited, Daniel Abela u Jospeh Abela personalment u kif ezercenti l-kummerc taht l-isem Imnaria Voyage Limited;

Il-konvenuti kollha qed jeccepixxu li l-konvenuti Joseph u Daniel Abela qatt ma agixxew f’isimhom proprio. Jeccepixxu ukoll li l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut minnhom billi huma agixxew biss bhala “reservation agents” ghan-nom ta’ principali esteri u dawn tal-ahhar huma proprjament il-legittimi kontraditturi fil-konfront tat-talba attrici. Finalment il-konvenuti jeccepixxu li mill-ammont pretiz ghandhom jitnaqqsu s-somma ta’ elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1800) li thallset lis-socjeta’ attrici fil-mori tal-kawza u dana ghan-nom tal-principali esteri;

Din l-ahhar eccezzjoni giet sorvolata in vista tan-nota tas-socjeta attrici (fol.13) li biha t-talba giet ridotta bl-imsemmi ammont ta’ Lm1800 u b’hekk l-ammont pretiz hu issa ta’ elfejn tlett mija u disa liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2309.75);

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, rigwardanti li l-ammont mitlub mhux dovut minnhom billi huma agixxew biss bhala agenti ghan-nom ta’ principali esteri, ma tirrizultax sufficjentement pruvatat. F’dan ir-rigward jirrizulta li s-socjeta attrici kienet ilha tinnegozja mas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited ghal zmien twil. L-istess ufficjali li kienu jghamlu l-“bookings” ghan-nom tal-imsemmija socjeta konvenuta Imnaria Ventures komplew jghamlu l-bookings u dan billi komplew juzaw l-istess ufficini u l-istess mezzi li kienu jintuzaw qabel. Ma jirrizultax li kien sar xi ftehim gdid bejn is-socjeta attrici u xi socjeta ohra;

Ghalhekk hu ragjonevoli u normali li s-socjeta attrici hasset li kienet ghada qed tinnegozja mas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited u li din kienet responsabbli ghal hlasijiet relattivi. Fir-relazzjonijiet kummercjali huma ta’ certu importanza l-fiducja reciproka, l-buon sens u l-buona fede. Ma jirrizultax li s-socjeta attrici

giet b'xi mod mgharfa li n-negozju mas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures kien spicca u li issa konsapevolment is-socjeta attrici kienet bdiet tinnegozja ma xi socjeta ohra. Ghas-socjeta attrici hi kienet baqghet tinnegozja mal-imsemmija socjeta konvenuta Imnaria Ventures u bl-ebda mod ma nbidlet din is-sitwazzjoni;

Jista jkun li xi ordnijiet bdew isiru minn terzi u ukoll l-invoices relattivi nhargu fuq isem dawn it-terzi. Dan pero' ma jfisser xejn ghar-rigward tar-relazzjoni ta' negozju li kien hemm bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta, li baqghet responsabbli ghal hlasijiet relattivi. Ghalhekk ma hemmx dubju li s-socjeta konvenuta Imnaria Ventures ghandha titqies li hi obbligata li thallas l-ammont kollu li qed titlob is-socjeta attrici;

Bl-ebda mod ma jirrizulta li l-konvenuti Joe Abela u Daniel Abela nnegozjaw personalment mas-socjeta attrici. Lanqas ma jirrizulta sufficjentement li l-istess konvenuti Abela kienu qed jinnegozjaw ghan-nom ta' xi ditta jew ta' xi socjeta inkorporata barra minn Malta. Zgur li ma giex ipprovat li s-socjeta Imnaria Voyage Limited hi socjeta registrata r-Russia. Ghalhekk l-imsemmija konvenuti Abela personalment ma jistghux jitqiesu responsabbli ghal dawn il-hlasijiet u huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti Joseph u Daniel Abela fin-negozju mas-socjeta attrici in kwestjoni qatt ma agixxew f'isimhom proprio u b'hekk l-istess konvenuti Abela qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u tichad l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti rigwardanti li huma agixxew biss bhala agenti ta' principali barranin u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici pero' biss fil-konfront tas-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited thallas lis-socjeta attrici s-somma kif ridotta ta' elfejn tlett mija u disa liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2309.75) bilanc ta' somma akbar

prezz u valur ta’ servizzi professjonali konsistenti fl-edukazzjoni, inkluz it-taghlim ta’ l-ilsien Ingliz lill-klijenti tas-socjeta konvenuta bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi mid-data ta’ meta nghataw il-prestazzjonijiet professjonali sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta konvenuta Imnaria Ventures Limited.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------